MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Numru. 91/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**-vs-**

**Carmelo Sive Charles Grima**

Kumpilazzjoni numru: 91/2009

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Carmelo sive Charles Grima ta' 45 sena, bin missier mhux maghruf u Rosina nee' Grima, imwieled Pieta' nhar is-16 ta' Awissu, 1963 u residenti fl-isptar Monte Carmeli, Attard u detentur ta' karta ta' identita b'numru 607383M.

Akkuzat talli

1. nhar it-2 ta' Frar, 2009, f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu komplici fir-reat ta' serq aggravat (hold-up) bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro (€2329), li sehh fil-Gzira fuq il-persuna ta' Maria Portelli, fejn insterqu flus kontanti u deheb, u dan billi b'xi mod li jkun xjentement, ghen, jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrendu ruhu komplici fir-reat ta' arrest, detenzjoni, jew sekwestru kontra l-ligi, billi b'xi mod li jkun xjenetment ghen jew assista lill-awturi tad-delitt fuq imsemmi, f'liema delitt l-istess awturi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta, arrestaw, zammew jew issekwestraw li Maria Portelli kontra l-volontra taghha.

3. U aktar talli fl-istess, hin, lok u cirkostanzi f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjenetement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. U aktar talli nhar it-2 u 3 ta' Frar, 2009 u matul ix-xhur ta' qabel, f'hinijet differenti, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-ghamla Hyndai Pony bin-numru tar-registrazzjoni JAV 486 li m'hijiex licenzjata mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku u minghajr ma' kien kopert b'polza tas-sigurta dwar riskju ta' terzi persuni

Rat l-artikoli 42, 86, 261(a)(c), 262, 267 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 5 ta' Frar 2009 meta l-ufficjal prosekutur iddikjara li t-tielet imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat ix-xhieda.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel, it-tieni, u r-raba imputazzjoni u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel, it-tieni, u r-raba imputazzjoni; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi t-tielet imputazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati u min-naha l-ohra l-involviment ta’l-imputat f’l-incident li sehh nhar it-2 ta’ Frar 2009, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll ic-cirkostanzi personali ta’l-imputat.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoi ukoll l-fedina penali ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 42, 86, 261(a)(c), 262, u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-ewwel, it-tieni, u r-raba imputazzjoni u tikkundannah sentejn prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ erbgha snin. In oltre l-imputat qed jigi skwalifikat milli jkollu kwalunkwe tip ta’ licenzja ghas-sewqan ghal perjodu ta’ sena.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu fuq imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------